# KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
# GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem, li nżammet nhar il-Tnejn, 13 ta' Frar, 2012 fis-3.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu għal-laqgħa.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u messaġġi mis-Sindku

   - Email mir-Regjun Għawdex fejn skond kif ġie diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun datata 19 ta' Diċembru, nġagħbet stima sabiex kull kunsill ikollu bandiera bl-istemma tar-Reġjun t'Għawdex ġewwa l-uffiċċju tiegħu. Din il-bandiera ser tiġi tiswa kull kunsill €115. Il-Kunsill approva li din issir.

   - Ittra mingħand Għaqda Armar Għajnsielem – il-Kunsill approva li titħallas s-somma ta' €466 tax-xogħol li għamlet din l-għaqda sabiex intrama it-tiżjijn tal-Milied għas-sena 2011.

   - MEPA *application fee* tan-*nature Trail* f'Ta' Passi ta' €178.48. Is-Sindku qal li din kienet ferm irħas mir-rata li ntbagħtet l-ewwel darba wara li ġiet riveduta fuq talba tal-Kunsill. Din il-*fee* tħalset l-ġimgħa li għaddiet biex l-applikazzjoni tibqa mixja.

   - Fuljett li ser jiġi ppubblikat mill-Kunsill – is-Sindku wera *draft* ta' dan il-fuljett, li kien gie fdat lilu biex jagħmel. L-istima tal-printing minn għand l-A&M Printing kienet ta' madwar €500. Il-Kunsill approva dan kollu.

   - Kont ta' Carmel Grima ta' €2,175.92 tax-xogħol li sar bl-idejn fuq l-Għajn tal-Hasselin. Dan ix-xogħol ma kienx parti mit-Tender peress li s-SCH. tat ordni biex ma jiġix użat l-ebda makkinarju biex titkompla l-eskavazzjoni wara li nkixef il-ħajt tad-dahar oriġinali tal-Għajn. Il-Kunsill approva li dan il-kont jgħaddi għand il-Perit Scerri għal-evalwazzjoni u wara jitħallas. Il-Kunsill approva ukoll li l-kuntrattur Carmel Grima jnaddaf ix-xelter li inkixef mal-eskavazzjoni, fejn l-arkeologista trid tkun ukoll presenti ghal dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li dan kien il-mument opportun biex jitnaddaf biex b'hekk ma tkunx tista ssir ħsara lill-għajn originali u li ser tinbena.

- Dawl għaż-*Żebra Crossing* fi Triq J.F. de Chambray – is-Sindku mar fuq il-post mal-inġinier Renzo Curmi u l-kuntrattur Richard Cauchi fejn kien hemm żewġ soluzzjonijiet, dik li ssir trinka li taqsam it-triq, jew jittieħed id-dawl mill-Pjazza. Saret diskussjoni fuq x'għandu jsir, fejn kulħadd qabel li ssir trinka li taqsam it-Triq.

- *E-mail* mingħand il-Madam tal-iskola Primarja, fejn irringrazzjat lil-Kunsill tal-azzjoni li ttieħdet biex jinbidel l-madum tal-entratura.

- CCTV camera – is-Sindku qal li għad irid jeħel xi arblu u kaxxa tad-dawl, u irid ikun hemm xi arloġġ tad-dawl. Is-Sur Joe Camilleri ssuġġerixxa li teħel panella *photovoltaic* biex tagħti provista tad-dawl. Is-Sindku ser jistaqsi lill-inġineer x'jista jsir.

- *The Tower Trail – St. Cicilia to Mgarr Habour* – is-Sur David Paterson, li huwa s-sid tat-Torri ta' Santa Cicilia qed jissuġġerrixi li jsir pjan ta' mixja mit-Torri ta' Santa Cicilia sal-Port tal-Imġarr. Huwa ser iħejji fuljett ukoll, fejn fuqu ser ikun hemm deskrizzjoni fuq il-postijiet t'interess tul din il-mixja. Is-Sur Paterson jixtieq is-support u kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi installata tabella t'informazzjoni fil-bidu ta' Triq Lambert, quddiem it-torri, fejn turi pjanta tal-mixja u aktar informazzjoni fuq dan is-suġġett. Qed jitlob ukoll is-support tal-Kunsill biex jigi printjat bejn 4,000 u 12,000 kopja ta' dan il-fuljett, fejn wara dan jingħata lit-turisti. Il-Kunsill qabel li jagħti s-support kollu rikjest iżda jieħu deċiżjoni finali meta jkollu l-istima tal-ispejjeż involuti. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Ezekuttiv tiċċekja wkoll li din il-mixja ma tgħaddi mill-ebda art privata.

- *Easter Egg Hunt* – is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ġiet avviċinata mill-Buzzy Kids Ltd biex isir l-attivita` fl-Għid bħas-sena l-oħra li tant kienet success mat-tfal. L-Għid din is-sena ser jahbat fit-8 t'April. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita peress li f'April ser ikun hemm Kunsill ġdid. Il-Kunsill qabel li din l-attivita għandha issir u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv tieħu ħsieb l-istampar tal-*flyers* u jitqasmu bieb bieb matul ix-xahar ta' Marzu.

4. Ftuħ taċ-Ċentru Ċiviku

Il-Prim Ministru kkonferma li ser jiftaħ iċ-Ċentru Ċiviku nhar it-3 ta' Marzu, 2012. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-iskrizzjoni tal-plakka kif iddeċieda l-Kunsill fil-laqgħa preċidenti, fejn minflokk il-Ministru Giovanna Debono ġie mniżżel il-Prim Ministru, Lawrence Gonzi. Din l-iskrizzjoni intbagħtet lis-Segretarju privat tal-Prim Ministru, is-Sur Charles Bonello għal-approvazzjoni.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li rcieva telefonata minn għand il-Kummissarju tal-Pulizija fejn infurmah li mhux ser ikun possibbli li tattendi l-banda tal-Pulizija għal ftuħ taċ-Ċentru. Għalhekk il-Programm taċ-ċerimonja kellu jinbidel. Ġie deċiż li l-marċ għandu jibda fl-4.30 sas-6.30pm bil-parteċipazzjoni tal-banda Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn iddoqq ukoll żewg siltiet bejn id-diskorsi. Iċ-ċerimonja għandha ssir fis-sala tal-iskola Primarja jekk kemm il-darba jkun il-maltemp fejn wara jsir il-ftuħ uffiċċjali fiċ-Ċentru Ċiviku. Jekk it-temp jippermetti, is-serata issir fit-triq, quddiem ic-Centru Civiku. Il-Kunsill approva il-ħlas ta' €900 għas-servizz tul is-serata kollha kif mitlub mil-kumitat tal-banda.

Il-Kunsill approva li jigu ordnati l-plakek u t-tabelli maċ-Ċentru Ċivku minn għand Sign Services Limited għal-valur ta' €1,137.52.

Il-Kunsill iddiskuta r-*reception desk* fiċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel li dan ġie għoli wisq mill-art u l-ħġieġa tal-wiċċ twaħlet ħażin. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiltaqa' mal-Perit Godwin Sultana u l-mastrudaxxa Mario Refalo biex tinstab soluzzjoni ta' kif irid jiġi dan id-desk. Il-Kunsill approva li jitħallas il-kont li bagħat Mario Refalo fuq il-parir tal-perit peress li x-xogħol sar.

5. Għajn tal-Hasselin

Is-Sindku spjega kif x-xogħol ser ikompli nhar l-24 ta' Frar peress li l-arkeoloġista ser tkun imsiefra. Huwa jestima li fadal ġurnata jew ftit aktar xogħol ta' eskavazzjoni u tindif. Wara dan ikun jista jibda ix-xogħol tal-bini appena li s-S.C.H. joħroġ iċ-ċertifikat li jista jitkompla x-xogħol. Is-sur Joe Camilleri staqsa għaliex ix-xelter ser jiġi inkorporat fl-Għajn, u għaliex ma jistax ikollu entratura għalih. Is-Sindku rrisponda li dan ma jistax isir peress li hemm distanza qasira mit-triq għax-xelter u l-livell kien għoli wisq. Hu qal li l-bieb mill-Għajn għax-xelter kien ser ikun mil-ġemb tal-Għajn.

6. Tenders

Infetħu t-tenders ta' *office furniture,* provista ta' kċina u *counter top* tal-kċina għaċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel li jimxi mal-rapport imħejji mill-Perit Godwin Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jeżaminaw it-Tenders. Huma qablu ukoll li tingħata t-tender skond ir-rapport imħejji.

7. Approvazzjoni tal-*Financial Statements*

L-Accountant tal-Kunsill, Sjr. Pauliana Said spjegat lil-Kunsill l-*financial statements* li preparat hi fuq parir u konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva dawn il-*financial statements.*

8. Interviews għal-*executive officer*

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li l-interviews isiru bl-għajnuna mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Isla u mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Raħal Ġdid. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel li jingħataw €60 kull wieħed għal-kull sessjoni t' *interviews.*

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet il-permess li tħallas l-*overtime* lill-iskrivan Joseph Ciantar tas-sigħat li ser jaħdem żejjed sakemm jidħol l-iskrivan il-ġdid. Il-Kunsill approva dan.

9. Customere care

Talba biex jitneħħa r-*reserved parking* fit-Triq Sant Eliju – is-Sur Joe Camilleri offra li jiċċekja jekk dan ir-*reserved parking* għadux jintuża mal-persuna diretta.

10. Materji oħra

Peter Caruana

- Ilment li l-kenniesa mhux jgħaddu mit-Toroq Ġużeppi Cali u Raymond Caruana.
- Issuġġerixxa li l-ġnien tal-Monument tal-Gwerra isir bid-dawra tal-ħadid u jinżara bil-fjuri sbieħ biex dejjem ikun pulit – il-Kunsill approva li jsir dan.

Stephen Mercieca

- Hmieġ fit-Triq il-Ġnien
- Teħel stop sign fit-Triq Cordina li tagħti għal-Triq Mgarr (quddiem is-showroom ta' Mizzi) – il-Kunsill approva li jsir dan.
- Jinqala l-bin fit-Triq il-Ġnien – approvata

Joseph Camilleri

- Hmieġ fuq il-belvedere fit-Triq Hamri
- Fuq talba tar-residenti ta' Triq Ċens l-Għarus, qed jissuġġerrixxi li din it-Triq issir 'one way', fejn tkun tista tidħol min Triq Sant'Eliju. Il-Kunsill approva dan u ser jitlob għal-din it-talba lil-Transport Malta.
- Jitneħħa l-ħaxix li hemm fit-taraġ għal-Kappella ta' Lourdes minn naħħa tat-Triq Mgarr.
- Bozza ta' Lourdes – ser titranga din il-ġimgħa mill-kuntrattur Richard Cauchi skond kif talbet l-enġiniera.
- Titranġa bankina fit-Triq il-Ġnien biex ma tibqax daqshekk għolja. Il-Kunsill qabel li ssir tarġa fil-ġemb tal-bankina.

Il-laqgħa ntemmet fit-5.00pm. Is-Sindku sejjaħ lagħqa oħra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 15 ta' Marzu, 2012 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv